# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 18/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

***Omissis 1***
**Joseph Galea**
***Omissis 2***

Illum 20 ta' April 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra *Omissis 1*, l-appellant **Joseph Galea**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 293290(M), u *Omissis 2* akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. bejn id-19 ta' Lulju 2009 u l-24 ta' Lulju 2009 minn ġewwa Triq Reġjonali Gżira kkommettew serq ta' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JAB 554 tal-għamla Fiat Uno, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux iżjed minn elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa l-misruqa u dan għad-detriment ta' Omar Chalbi u/jew persuna jew persuni oħra;

2. wara d-19 ta' Lulju 2009 f'dawn il-Gżejjer volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċioè għamlu ħsarat fuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JAB 554 tal-għamla Fiat Uno, liema ħsarat jammontaw għal iktar minn elf, mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u dan għad-detriment ta' Omar Chalbi u/jew persuna jew persuni oħra;

3. bejn il-21 ta' Lulju 2009 u l-24 ta' Lulju 2009 minn ġewwa Triq il-Brunzar, Ħal-Qormi bil-ħsieb li jagħmlu delitt wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt meta ttentaw jisirqu vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LAB 315 tat-tip Ford Fiesta, liema tentattiv ta' serq, li kieku sar, kien ikun aggravat bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux iżjed minn elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa liema delitt ma seħħx minhabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tagħhom;

4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċioè għamlu ħsarat fuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LAB 315 tal-għamla Ford Fiesta, liema ħsarat ma jeċċedux il-mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) iżda hija aktar minn tlieta u għoxrin Euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) u dan għal persuna jew persuni li għadhom mhux maghrufa;

5. f'Lulju 2009 f'diversi inħawi madwar il-Gżejjer Maltin, sabiex jiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalihom infushom jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw tagħrif falz billi ffalsifikaw in-numri tar-reġistrazzjoni ta' vetturi tal-għamla 'Daewoo Racer' bir-reġistrazzjoni originali AAA 434 u ċioè billi waħħlu numru tar-reġistrazzjoni KAL 314, li hu falz u jappartjeni vettura differenti;

6. fl-istess perjodu għamlu falsifikazzjoni jew xjentement għamlu użu minn xi dokument ieħor falsifikat billi ffalsifikaw in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura tal-marka Mazda 323 bin-numru tar-reġistrazzjoni originali AAA 434 u ċioè billi waħħlu numru tar-reġistrazzjoni KAL 314 li hu falz u jappartjeni vettura differenti;

7. f'Lulju 2009 u fil-ġimghat ta' qabel din id-data xjentement għamlu użu minn att, kitba jew skrittura falza u ċioè minn liċenzja tal-vettura bin-numru serjali F481689, imwaħħal fuq vettura tal-għamla Daewoo bin-numru tar-reġistrazzjoni AAA 434;

8. f'Lulju 2009 f'diversi inħawi madwar il-Gżejjer Maltin saqu vetturi bin-numru tar-reġistrazzjoni AAA 434 tal-għamla Daewoo, JAB 554 tal-għamla Fiat Uno, CAB 403 tal-għamla Hyundai Pony, DAS 569 tal-għamla Hyundai Escoupe, CAB 623 tal-għamla Lada mingħajr ma kellhom liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta u b'hekk ma kienux koperti b'polza ta' assigurazzjoni b'riskji għall-terzi persuni;

9. f'Lulju 2009 xjentement f'Malta laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun, indaħħlu biex ibiegħu jew imexxu dawn l-oġġetti.

**Lil *Omissis 1* u lil Joseph Galea waħidhom talli:**

10. bejn is-16 ta' Lulju 2009 u d-19 ta' Lulju 2009 minn ġewwa Triq Ħ'Attard Qormi kkommettew serq ta' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBA 623 tal-għamla Lada, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeċċedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda mhux iżjed minn elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa l-misruqa u dan għad-detriment ta' Ronald Debono u/jew persuna jew persuni oħra;

11. wara s-16 ta' Lulju 2009 f'dawn il-Gżejjer volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioè għamlu ħsarat fuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBA 623 tal-għamla Lada, liema ħsarat jammontaw għal aktar minn elf, mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u dan għad-detriment ta' Ronald Debono u/jew persuna jew persuni oħra;

12. bejn it-13 ta' Lulju 2009 għall-habta tas-18:30hrs u l-14 ta' Lulju 2009 għall-habta tad-09:30hrs minn Triq tal-Barrani Żejtun ikkommettew serq ta' vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DAS 569 tal-għamla Hyundai Escoupe liema serq huwa aggravat bil-valur, liema valur tal-ħaġa misruqa huwa iżjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94), iżda mhux aktar minn elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan għad-detriment ta' Grazio Mula u/jew persuna jew persuni oħra;

13. wara l-14 ta' Lulju 2009, f'dawn il-Gżejjer volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbi jew immobbli u ċioè għamlu ħsarat fuq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DAS 569 tal-għamla Hyundai Escoupe, liema ħsarat jammontaw għal iktar minn elf mija u erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u dan għad-detriment ta' Grazio Mula u/jew pesuna jew persuni oħra;

**Lil *Omissis* 2 waħdu talli:**

14. f'Lulju 2009 u fix-xhur ta' wara, f'diversi lokalitajiet f'dawn il-Gżejjer, mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija b'xi mod li jkun, bagħbsu, neħħew, biddlu jew għamlu numru tal-identifikazzjoni ta' *chassis* jew magna ta', jew fuq, vettura bil-mutur u ċioè billi stampaw VIN plate ta' vettura Daewoo jaqra WOL000039H2549687;

15. kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata s-26 ta'Awwissu 2008;

16. sar reċidiv *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

**Lil Joseph Galea waħdu talli:**

17. sar reċidiv *ai temini* ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-18 ta' Lulju 2017 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 18, 31, 41, 49, 50, 289, 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 278, 279, 280, 184, 188, 189, 298D, 325 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta sabet:

(A) lill-imputat Joseph Galea, fuq ammissjoni, ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu u fejn ordnat li *ai termini* ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta jitqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* għal tliet (3) snin minn dakinhar tas-sentenza, bil-kondizzjonjiet li jidhrilhom li għandhom jimponu, minn żmien għal żmien, l-uffiċċju tal-*Probation*. *Ai termini* ta' Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-

Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti fissret lill-imputat Joseph Galea bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' *Probation* u l-kondizzjonijiet l-oħra applikabbli skont il-liġi u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dik l-Ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' *Probation*, jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom nstab ħati bis-sentenza. *Ai termini* ta' Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti ordnat li kopja tas-sentenza u tal-Ordni ta' *Probation* jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' *Probation* sabiex jassenja Uffiċjal tal-*Probation* biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' l-imputat Joseph Galea;

(B) lill-imputat *Omissis 2* mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet indikati bin-numru (15) u (16) u minnhom lliberatu skont il-liġi iżda sabitu ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha kif dedotti kontra tiegħu u ċioè dawk indikati bin-numri (1), (2), (3), (4), (5), (6), (7), (8), (9) u (14) u kkundannatu komplessivament għall-piena ta' priġunerija għall-perjodu ta' tmintax-il xahar (18) u multa ta' elfejn u erba mitt Euro (€2400).

L-Ewwel Qorti ordnat ukoll is-sospensjoni tal-liċenzji tiegħu kollha tas-sewqan għal żmien sena minn dakinhar li s-sentenza tgħaddi in ġudikat.

Rat illi fit-2 ta' Awwissu 2019 l-Uffiċjal tal-*Probation* Sharlet Fabri ppreżentat Rikors (*a fol.* 2) ta' denunzja *ai termini* ta' Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta fejn fiha nfurmat lill-Qorti li Joseph Galea kien naqas milli jżomm ruħu f'kuntatt mal-Uffiċju tal-*Probation*, skont id-direttivi mogħtija lilu, li naqas milli jipprovdi indirizz validu ta' fejn kien qiegħed jirrisjedi u li dan qed iwassal sabiex ma ssirx superviżjoni adegwata fil-konfront tiegħu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Jannar 2020 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 7(7) u 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikoli 17, 18, 31, 41, 49, 50, 289, 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271, 278, 279,

280, 184, 188, 189, 298D, 325 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lil Joseph Galea fuq l-ammissjoni oriġinali tiegħu stess ħati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tiegħu bħala r-reati orġinali u kkundannatu għal tlett (3) snin priġunerija u multa ta' €2,500 (elfejn u ħames mitt Euro) b'dan illi l-Ewwel Qorti ordnat ukoll is-sospensjoni tal-liċenzji kollha tas-sewqan għal żmien ħames (5) snin mid-data tas-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant Joseph Galea ppreżentat fit-12 ta' Frar 2020 fejn wara li għamel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-28 ta' Jannar 2020 talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha: 1. filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tal-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu; 2. tħassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena nflitta fil-konfront tal-appellant u minflok tinfliġġi piena aktar idonea skont iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-16 ta' Marzu 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi dan huwa appell dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fir-rigward tas-sentenza mogħtija minnha fit-28 ta' Jannar 2020 liema sentenza ġiet mogħtija wara li l-Uffiċjal tal-*Probation* Sharlet Fabri ippreżentat denunzja fit-2 ta' Awwissu 2019 *ai termini* ta' Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellant jitlob li din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati waqt li tħassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena u minflok tinfliġġi piena aktar idonea.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant, filwaqt li jgħid li qed ikollu diffikulta' biex isib ix-xogħol u li għalhekk qiegħed f'qagħda finanzjarja prekarja, iressaq is-segwenti aggravji:

- fl-ewwel aggravju jissottometti li huwa kien imqanqal purament miċ-ċirkostanzi partikolari li kien għaddej minnhom;

- fit-tieni aggravju jissottometti li kien naqas li jattendi għal-laqgħat mal-Uffiċjal tal-*Probation* minħabba raġunijiet ta' xogħol;

- fit-tielet aggravju jissottometti li l-piena tal-Ewwel Qorti kienet waħda eċċessiva u li bħala riżultat din ser tkompli tipprekludih milli jirrabilita ruħu u dan ser jiswa ta' dannu għall-wild minuri tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti eżaminat bir-reqqa d-depożizzjoni mogħtija mill-Uffiċjal tal-*Probation* Sharlet Fabri (*a fol.* 12 *et seq*.) minn fejn jirriżulta li minn tnejn u għoxrin (22) appuntament l-appellant attenda sitta (6) biss u dan fil-perjodu bejn Jannar sa Awwissu 2019 għaliex qabel kien qed isegwieh xi ħadd ieħor. Tgħid li l-appellant ma weriex impenn biex jindirizza l-*issues* f'ħajtu u li mhux jieħu vantaġġ mill-opportunita' li qed ikollu. Tgħid li lanqas indirizz fejn tista' tikkuntattjah ma kellha u li dan kellha bżonnu sabiex setgħet tipprova tagħmel kuntatt mal-*Jobs Plus*.

Illi l-Qorti kkunsidrat li l-appellant qal li kien qed jonqos milli jattendi l-laqgħat mal-Uffiċjal tal-*Probation* minħabba li kien qed ifittex ix-xogħol. Frankament il-Qorti ma tistax tifhem kif l-appellant, jekk dan hu minnu, lanqas biss indenja ruħu jikkuntattja lill-Uffiċjal tal-*Probation* biex jgħarrafha dwar xi appuntamenti li seta' kellu. Il-Qorti ma tistax temmen li din kienet ir-raġuni prinċipali għala ma żammx il-laqgħat mal-Uffiċjal tal-*Probation*.

Illi l-Qorti kkunsidrat li wara li l-appellant ingħata ċ-ċans, huwa xorta ma ħax dan iċ-ċans u ma għarafx jieħu vantaġġ minnu u dana peress li ma kkooperax u ma mpenjax ruħu sabiex joqgħod għal dak li kienet qed tgħidlu l-Uffiċjal tal-*Probation*.

Illi din il-Qorti tinnota li meta wieħed jingħata Ordni ta' *Probation* din tkun intiża sabiex tagħti ċans lil dak li jkun u tkun tista' tintuża kif inhi l-intenzjoni tal-leġislatur jekk kemm-il darba dak li jkun jikkoopera. Jekk l-Ordni ta' *Probation* tiġi segwita kif suppost, dak ikun strument tajjeb ferm biex dak li jkun jerġa' jidħol fis-soċjeta' u mhux sempliċement ikun iffranka l-priġunerija.

Illi l-appellant għandu jifhem li l-kondizzjonijiet f'Ordni ta' *Probation* għandhom jiġi segwiti skruplożament u li tali kondizzjonijiet qegħdin hemm biex jiġu osservati u mhux biex jiġu mġebbda qishom lastiku. Mhux talli l-appellant wera li ma kienx grat, talli anqas ra kif jagħmel biex joqgħod għal dak li kienet qed tgħidlu l-Uffiċjal tal-*Probation*.

Illi minn dak li xehdet l-Uffiċjal tal-*Probation* f'dan il-każ jirriżulta nuqqas ta' impenn kbir minn naħa tal-appellant. L-appellant ma għandux iwaħħal fis-soċjeta' jew jipprova jislet simpatija minħabba l-minuri tiegħu meta huwa seta' ikkoopera u ma kienx ikollu bżonn jidher quddiem il-Qorti.

Illi din il-Qorti lanqas ma taċċetta l-aggravju li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda eżaġerata għaliex hija tinsab fil-parametri tal-liġi u, f'dan l-appell partikolari, fis-sentenza hemm

indikati erbatax il-imputazzjoni li jikkonċernaw lilu. Ma' dan il-Qorti żżid tgħid li l-fedina penali tal-appellant hija waħda voluminuża li jfisser li l-appellant ma jridx jifhem u ma jridx jitgħallem jagħraf jimxi fit-triq li żżommu l-bogħod milli jikser il-liġi.

Illi b'hekk isegwi li din il-Qorti qed tiċħad l-aggravji kollha imressqa mill-appellant.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Joseph Galea u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**